# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 13**

**Rikors numru 674/07SM**

**Sylvester sive Vestru Farrugia, f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' huh assenti Salvu Farrugia, Anthony Farrugia, Nazzareno sive Zaren Farrugia, f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' hutu l-assenti Giovanni u Geraldu, kif ukoll Joseph, Carmen, Mary Rose mart George Abela, Philip u Jacqueline ahwa Farrugia wlied Emanuel, kif ukoll Maria mart George Mifsud, Anna mart Anthony Buhagiar, Carmen mart George Ellul, u Phyllis mart Christopher Borg, ahwa Farrugia wlied il-mejjet Joseph Farrugia**

**v.**

**Mary Grace Camilleri u Mario Casha**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur tal-atturi tal-21 ta' Gunju, 2007, li permezz tieghu ppremettew:

"Illi fit-18 ta' Novembru 2006 miet Carmelo Farrugia, guvni, iben il-mejtin Filippo Farrugia u Carmela nee` Mifsud fl-eta` ta' 71 sena (Dok A);

"Illi mir-ricerki testamentarji jirrizulta illi l-ahhar testament tieghu huwa dak maghmul fil-11 ta' Mejju 2006 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut u f'dan it-testment, it-testatur iddispona fl-ewwel lok billi hassar, annulla u rrevoka kull testment li seta' ghamel u fit-tieni lok innomina lil Mary Grace Camilleri, li ghandha l-karta tal-identita` bin-numru 573(M) u Mario Casha li ghandu l-karta tal-identita` bin-numru 507782(M) bhala werrieta universali u sidien assoluti tal-gid kollu ghal wara mewtu f'ishma indaqs bejniethom; (Dok B, C, D)

"Illi t-testatur iddikjara illi huwa nnominahom bhala werrieta universali sabiex jikkumpensahom ghas-servigu u prestazzjonijiet minnhom gia rezi u inoltre bil-kondizzjoni espresso li dawn l-prestazzjonijiet jibqghu jsiru:

> "ghal dak li ser irendulu sal-mument tal-mewt tieghu u ghal din ir-raguni u in pagament tal-imsemmijin servigi u prestazzjonijiet…";

"Illi effettivament l-imsemmi Carmelo Farrugia miet principalment minhabba '*severe malnutrition and cachexia*' u dan ifisser illi dan il-bniedem thalla traskurat u minghajr ikel ghal zmien konsiderevoli b'tali mod u manjiera illi apparti li kellu telf sensibbli fil-piz, kellu atrofija fil-muskoli u debbolezza serja tant illli minkejja li ttiehed l-isptar fl-ahhar hin, it-tentattivi mit-tobba tal-isptar sabiex jirrisuxxitawh u jergghu jgibuh b'sahhtu, dawn kienu inutli.

"Illi ghalhekk l-konvenuti ma rnexxielhomx jissodisfaw il-kondizzjoni msemmija mit-testatur fit-testment tieghu sabiex huma jitqiesu bhala werrieta tieghu skond l-istess testment.

"Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jiddikjaraw il-posizzjoni taghhom fir-rigward baqghu inadempjenti.

"Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ma rnexxielhomx igibu prova sodisfacenti kif trid il-ligi li huma ottemperaw ruhhom mal-kondizzjoni msemmija mit-testatur fit-testment tieghu fuq imsemmi u cioe` li huma ma baqghux jipprestaw servigi lit-testatur u jekk prestaw xi forma ta' servigi dawn certament ma kienux tali li wiehed jistenna fic-cirkostanzi simili;

"2. Tiddikjara li ghalhekk il-konvenuti ddekadew mid-drittijiet taghhom imsemmija fit-testment fuq imsemmi u partikolarment minn dak li hemm dispost fit-tieni artikolu tieghu; u

“3. Stante illi t-testatur ma ghamel l-beda testment iehor, tiddikjara li l-wirt tal-imsemmi Carmelo Farrugia huwa meqjus bhala wiehed intestat u ghalhekk il-wirt tieghu jaqa’ fuq ir-rikorrenti bhala hutu u t-tfal ta’ hutu skond il-ligi fis-sehem rispettiv taghhom.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati li min issa huma ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti tal-14 ta’ Jannar, 2008, li permezz taghha eccepew:

“1. Illi prelimnarjament jigi eccepiet illi l-azzjoni kif proposta mill-atturi rikorrenti hija nulla u irrita, stante illi l-istess atturi qed jittantaw, b’mod indirett, jimpunjaw u jannullaw it-testment tad-defunt Carmelo Farrugia, u dan minghajr ma’ saret talba specifika f’dan is-sens; illi jidher li l-konsegwenza ta’ din l-azzjoni, kemm il-darba jintlaqghu t-talbiet attrici, ser tkun li jithassar it-testment tat-18 ta’ Novembru 2006, izda dan qed jintalab li jsir a bazi ta’ nuqqas li qed jigi attribwit lill-eccipjenti, u mhux minhabba xi irregolarita` fil-forma jew sostanza tal-istess testment. Illi ghalhekk, l-azzjoni kif proposta hija insostenibbli.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, u ukoll in liena preliminary, jehtieg illi l-atturi rikorrenti jipprovaw a sodifazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti l-interess guridiku taghhom sabiex jipproponu din l-azzjoni, u fin-nuqqas, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

“3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, u fil-mertu, it-talbiet attrici rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi rikorrenti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mill-atturi rikorrenti, l-eccipjenti ma naqsu bl-ebda mod mill-obbligi taghhom, u huma wettqu dmirhom sew fil-konfront tad-defunt Carmelo Farrugia, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“4. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, ladarba huma l-atturi rikorrenti li qed jallegaw illi l-eccipjenti naqsu b’xi mod lid-defunt Carmelo Farrugia, allura jehtieg illi jippruvaw huma a sodifazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti kwalunkwe nuqqas illi qed jattribwixxu lill-eccipjenti, u mhux kif qed jintalab fl-ewwel talba tar-rikors promotur.

“5. Illi fikwalunkw kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suecceiet, l-azzjoni tal-atturi rikorrenti ghal dikjarazzjoni fil-konfront tal-eccipjenti ta’ dekandenza mid-drittijiet taghhom naxxenti mit-testment tad-defunt Carmelo Farrugia, ma tistax tirnexxi stante illi t-tieni artikolu jikkontempla kemm sergivi u prestazzjonijiet

**'gia rezi sad-data tat-testment'**, kif ukoll servigi li kienu ser irendulu sal-mument tal-mewt tieghu. Illi ghalhekk ma jistax ikun hemm dikjarazzjoni ta' dekandenza assoluta, kif qed jintalab fit-tieni talba tar-rikors promotur, stante illi l-eccipjenti huma fi kwalunkwe kaz intitolati ghal kumpens ghas-servigi minnhom rezi lid-defunt Carmelo Farrugia sad-data tat-testment.

"6. Illi fif-rigward tat-tielet talba, din ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-atturi rikkorrenti, stante illi ma gietx preceduta b'talba specifika sabiex it-testment in kwistjoni jigi annullat u mhassar, u ghalhekk id-dikjarazzjoni mitluba ma tistax issir.

"7. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Gunju, 2014, li permezz taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li, qieset ruhha sodisfatta li l-atturi ma pprovawx il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement filwaqt li rrespingiet it-talbiet kollha tal-atturi, laqghet ir-risposti tal-konvenuti, bl-eccezzjoni ta' dik rigwardanti l-interess guridiku, bl-ispejjez kontra l-atturi.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"7.0 Illi l-istat fiziku tad-*decuius* Carmelo Farrugia fl-ahhar perjodu ta' hajtu jista' jigi sintetizzat bil-mod segwenti, u dan, a bazi tat-tobba li kienu qed jikkurawh fl-istess perjodu, senjatament:

"7.1 It-tabib Dottor Godfrey Farrugia; u

"7.2 Il-Professur Carmel Mallia;

"Ikkunsidrat:

"8.0 Illi skont l-imsemmi Dottor Farrugia li kien jikkura lill-imsemmi *decuius* qabel iddahhal l-isptar, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"8.1 Illi d-*decuius* kien ibati bir-rewmatizmu, bl-azma, bl-affann, b'qalbu u kien t'eta` avvanzata – ta' madwar sebghin (70) sena, (ara fol 309);

"8.2 Illi d-*decuius* kellu *fobia* partikolari li ma kienx ikun irid imur l-isptar, (ara fol 309);

"8.3 Illi l-intimati kienu jikkuntattjaw lill-istess tabib biex jikkura lid-*decuius* in dizamina, (ara fol 310);

"8.4 Illi l-istess tabib kuranti *de quo* jafferma bil-gurament tieghu li l-intimati li kien qed jgharaf fl-awla kienu jiehdu hsieb tajjeb tad-*decuius* in dizamina u dan jattestah billi Carmelo Farrugia ma kienx ikullu "*pressure sores*", stante li l-intimati:

" … kienu jaghmlu minn kollox anke biex icaqalquh", (ara fol 310);

"8.5 Illi meta kien jezaminah id-dar kien jara li Farrugia kien mizmum f'ambjent nadif u f'dar mizmuma kif jixraq, (ara fol 310);

"8.6 Illi Farrugia ma kienx ikollu aptit jiekol, (ara fol 310);

"8.7 Illi l-medicini preskritti dejjem u regolarment inxtrawlu mill-istess intimati, (ara fol 310);

"8.8 Illi ma kienx ikun irid *nurse* mieghu, lanqas tal-MMDNA u ghalhekk, dan ix-xoghol kienu ghamluh l-intimati, (ara fol 310), li kienu wkoll jahsluh, (ara fol 311);

"8.9 Illi l-istess *decuius* kien ukoll jirrifjuta li jigi invistat minn tabib u kien jikkoncedi tali visti biss meta jsib ruhu f'sitwazzjoni prekarja hafna u akuta, (ara fol 311);

"8.10 Illi meta l-imsemmi Dottor Farrugia kien jinvista lid-*decuius*, l-intimati dejjem kienu jkunu prezenti;

"8.11 Illi kien l-istess Dottor Farrugia li irrefera lill-imsemmi Carmelo Farrugia l-isptar meta sahhtu ipprecipitat u dan, nonostante li kien ostinatament xorta irrifjuta milli jmur l-isptar, (ara fol 312 u 327);

"Ikkunsidrat:

"9.0 Illi skont il-Professur Carmel Mallia li ikkura lil Carmelo Farrugia meta dan kien rikoverat l-isptar, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"9.1 Illi d-*decuius* iddahhal l-isptar tlett (3) ijiem qabel ma miet, (ara fol 110);

"9.2 Illi qabel ma gie mghoddi lill-imsemmi professur, Farrugia kien ezaminat fid-Dipartiment tal-Emergenza, (ara fol 110);

"9.3 Illi meta d-*decuius* iddahhal l-isptar irrizulta li kellu temperatura baxxa hafna u kien desidratat anemiku; (ara fol 110 u 111);

"9.4 Illi l-istess Farrugia ma kienx f'sensieh kompletament, (ara fol 111);

"9.5 Illi kellu wkoll kollass f'qalbu, (ara fol 112), jew addirittura kollass tal-kliewi, (ara fol 112);

"9.6 Illi Farrugia kellu zokkor baxx hafna, (ara fol 114);

"9.7 Illi meta Farrugia ddahhal l-isptar dan kien f'sitwazzjoni tant hazina li ma kienx hemm possibilita` li din setghet tigi mibdula ghall-ahjar, anzi irrizulta li aktar tard is-sitwazzjoni ipprecipitat, (ara fol 115);

"9.8 Illi stante li l-istat mentali ta' Farrugia ma kienx tajjeb, jirrizulta li kien ukoll abbuziv verbalment, (ara fol 115);

"9.9 Illi la saru investigazzjonijiet ulterjuri u lanqas awtopsja fuq id-*decuius*, (ara fol 116 u 117);

"9.10 Illi skont il-professur *de quo* il-kawza tal-mewt ta' Farrugia hi in-"*Nutritional Cachexia*" li hu stat li jizviluppa f'perjodu ta' gimghat, (ara fol 118);

"Ikkunsidrat:

"10.0 Illi ghalhekk il-versjonijiet medici fuq sintetikament esposti jistghu jigu esposti bil-mod segwenti:

"10.1 Skont it-tabib tal-familja kuranti fuq indikat:

"10.1.i. Illi d-*decuius* kien qed isofri mid-diversi kundizzjonijiet u mard fuq indikati li kienu rezi anke serji bil-karattru skontruz riskontrat;

"10.1.ii. Illi l-intimati kienu jiehdu hsieb sew tad-*decuius*;

"10.2 Skont il-professur responsabbli fl-isptar

“10.2.i. Illi sahhet id-*decuius* kienet ipprecipitat fuq id-diversi fronti fuq sintetikament indikati;

“10.2.ii. Illi kien hemm is-sintomi tal-“*Cachexia*”;

“Ikkunsidrat:

“11.0 Illi fuq il-kwistjoni preliminari tal-interess guridiku tar-rikorrenti sollevata mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

“11.1 Illi ghandu jkun pacifiku li kemm-il darba jkun dikjarat li l-intimati m’ottemporawx ruhhom mal-kundizzjoni testamentarja in dizamina imposta fuqhom, allura r-rikorrenti kollha jkollhom interess guridiku fit-testment in dizamina billi jigu lkoll meqjusa eredi ugwali tad-*decuius* Carmelo Farrugia;

“11.2 Illi ghaldaqstant, l-interess guridiku indikat mill-intimati ghaldak li jirrigwarda lir-rikorrenti fil-procedura odjerna jezisti;

“11.3 Illi konsegwentement qed tirrespingi din ir-risposta preliminari tal-intimati;

“Ikkunsidrat:

“12. Illi fil-meritu, ghandu jinghad li l-principju li min jallega jrid jipprova jibqa’ principju attwali u rizoluttiv tal-vertenza odjerna;

“13. Illi r-rikorrenti qieghdin jallegaw li l-intimati m’ottemporawx ruhhom mal-kundizzjoni testamentarja imposta fuq l-intimati mid-*decuius* billi meta dan iddahhal l-isptar fl-ahhar fazi ta’ hajtu instab li kien qed ibati bil-kundizzjoni fuq indikata tal-“*Cachaxia*”;

“Ikkunsidrat:

“14. Illi pero` din hi konkluzjoni superficjali li l-imsemmi professur wasal ghaliha wara li ezamina lid-*decuius* f’perjodu pjuttost qasir;

“15.0 Illi jirrizulta li t-tabib normalment kuranti tad-*decuius* jaghti stampa differenti tar-realta` u jindika sintetikament is-segwenti:

“15.1 Illi f’din l-ahhar fazi ta’ hajtu d-*decuius* kien qed ibati minn diversi kondizzjonijiet serji;

“15.2 Illi kellu natural burberu fejn kien jirrifjuta l-kura u jipprendi l-isptar u n-*nurses*;

"15.3 Illi bhala l-uniku xhud okulari, isostni wkoll li l-intimati kienu jiehdu hsieb effettiv tal-istess *decuius* sakemm setghu;

"Ikkunsidrat:

"16. Illi *di piu`*, kif stabbilit mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza fl-ismijiet Maria Micallef et vs Avukat Dr. Alfredo Mercieca nomine, datata s-16 ta' Jannar, 1956, f'dan il-kamp partikolati l-guristi jiddistingwu bejn "*conditio*" u "*modus*", (ara Volum XL – P.II, p.678 *et sequitur*);

"17.0 Illi f'dan il-kuntest :

"17.1 Il-*modus* " … mhux hag'ohra hlief obligazzjoni accessorja ghal kuntratt ta' indoli gratuita, li tigi imposta lill-persuna gratifikata minghajr dan il-*modus*, din l-obbligazzjoni, il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalita`";

"17.2 Il-*conditio* " … qatt m'ghandha effikacja koercittiva imma verament effett sospensiv jew rizoluttiv;

"Ikkunsidrat:

"18. Illi in vista tal-premess analisi tal-fatti kilf fuq sintetikament esposti jindikaw li il-kundizzjoni imposta mit-tesatur Farrugia fuq l-intimati fit-testment tieghu fuq riferit hi in effetti modalita` fejn permezz taghha l-intimati gew dikjarati eredi universali bil-kundizzjoni li jibqghu jirrendu s-servigi precedentement minnhom moghtija lid-*decuius* in dizamina sa l-ahhar ta' hajtu;

"19. Illi *di piu`*, in vista tal-premess, kif indikat mix-xhieda informata u oggettiva tat-tabib Farrugia fuq indikat, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti indirizzati fil-konfront tal-intimati ma jirrizultawx ipprovati skont il-ligi;

"20. Illi dan qed jigi ribadit ghaliex l-imsemmi xhud okulari, indipendenti u oggettiv fuq indikat jipprova il-kuntrarju;

"21. Illi *di piu`*, l-allegazzjoni tar-rikorrenti kif stradati mill-professur fuq riferit ma ssib l-ebda sostenn indipendenti w oggettiv stante li ghal kunrarju ta' sitwazzjonijiet simili, la inzammet Inkjesta Magisterjali u lanqas giet ordnata awtopsja;

"22. Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet sollevati mir-rikorrenti ma jitrasformawx ruhhom fi prova indiskussa sostenuta oggettivament; skont il-ligi;"

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sylvester sive Vestru Farrugia et li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Mary Grace Camilleri u Mario Casha li permezz taghha talbu li l-appell tal-appellanti jigi michud u s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2014, fl-ismijiet premessi tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju, 2019, meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha ezebiti in atti;

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi jikkontendu li, l-qarib taghhom, Carmelo Farrugia li miet guvni, nnomina permezz ta' testment lill-konvenuti bhala werrieta universali u sidien assoluti tal-gid kollu tieghu

wara mewtu f'ishma ndaqs bejniethom, sabiex jikkumpensahom ghas-servigi u prestazzjonijiet minnhom rezi u bil-kondizzjoni espressa li dawn il-prestazzjonijiet jibqghu jsiru sal-mument tal-mewt tieghu. Izda ladarba l-imsemmi Carmelo Farrugia miet minhabba "*severe malnutrition and cachesia",* dan ifisser li dan il-bniedem thalla traskurat u minghajr ikel ghal zmien konsiderevoli u ghalhekk jinghad li l-konvenuti ma rnexxielhomx jissodisfaw il-kondizzjoni msemmija mit-testatur fit-testment tieghu u ghalhekk iddekadew mid-drittijiet taghhom fl-istess testment. Kwindi l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara li l-wirt tal-imsemmi Carmelo Farrugia jitqies bhala intestat u ghalhekk l-istess wirt jaqa' fuq l-atturi bhala hutu u t-tfal ta' hutu skont il-ligi fis-sehem rispettiv taghhom.

Il-konvenuti filwaqt li ressqu xi eccezzjonijiet preliminari fosthom dik li l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom, cahdu t-talbiet attrici fil-mertu stante li *inter alia* jikkontendu li wettqu dmirhom sew u ma naqsu minn ebda obbligu fil-konfront tad-defunt Carmelo Farrugia, kif ukoll li jispetta lill-atturi li jippruvaw in-nuqqas attribwit lill-eccipjenti. Dan apparti li t-testment jikkontempla kemm servigi li kienu digà rezi, kif ukoll servigi li kienu ser irendu sal-mument tal-mewt tat-testatur, kwindi ma jistax ikun hemm dikjarazzjoni ta' dekadenza assoluta stante li huma ntitolati ghal kumpens ta' servigi minnhom rezi lid-defunt Carmelo Farrugia sad-data tat-testment.

L-ewwel Qorti wara li ezaminat il-provi in atti waslet ghall-konkluzjoni li, salv li l-atturi certament kellhom l-interess guridiku mehtieg sabiex jipproponu l-kawza odjerna, u kwindi cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti f'dan is-sens, cahdet it-talbiet attrici principalment minhabba l-fatt li ma qisetx li l-atturi rnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi.

L-atturi hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u jressqu l-appell in ezami li huwa msejjes fuq aggravju wiehed li fih jigu trattati tliet punti:

(i) It-testment ta' Carmelo Farrugia;

(ii) L-interess guridiku tar-rikorrenti;

(iii) L-obbligu tal-konvenuti li jaghtu s-servigi u prestazzjonijiet sal-mewt ta' Carmelo Farrugia.

Fl-ewwel punt tal-aggravju taghhom l-appellanti jishqu li, t-testatur Carmelo Farrugia kien hatar lill-konvenuti bhala eredi universali tieghu sabiex jikkumpensahom ghas-servigi u prestazzjonijiet minnhom rezi lilu, kif ukoll ghal dawk li kienu ser irendulu sal-mument tal-mewt tieghu. Kwindi sabiex il-konvenuti setghu jirtu lil Carmelo Farrugia huma

kellhom jibqghu jirrendulu servigi sa mewtu. L-atturi appellanti jirreferu ghall-fatt li kienet il-konvenuta li cemplet lin-nutar sabiex jaghmel it-testment ta' Carmelo Farrugia, li fih hija u l-konvenut l-iehor gew appuntati bhala eredi. Jishqu li l-konvenuti kienu prezenti waqt li sar it-testment tant li skont in-Nutar il-konvenut kellu jqajjem lil Carmelo Farrugia sabiex jiffirma t-testment peress li kien debboli u ma felahx iqum mis-sodda. L-atturi jaghmlu referenza ghax-xhieda tan-Nutar li rrediega t-testment, fis-sens li l-post fejn kien jghix it-testatur kien malandat u l-arja tal-post kienet tqila. Kif ukoll li l-konvenuti kellhom jissodisfaw kundizzjoni sabiex ikunu werrieta universali tat-testatur, li huma jirrendu servigi lil Carmelo Farrugia "**mhux sa dak in-nhar biss, imma jibqghu jiehdu hsiebu sa l-ahhar nifs**."

L-atturi appellanti jishqu li l-intenzjoni tat-testatur kienet cara fis-sens li nnomina lill-konvenuti bhala werrieta universali, mhux biss ghas-servigi li pprestaw izda kellhom obbligu li jibqghu jipprestaw tali servigi sa mewt it-testatur. Jargumentaw li din kienet kundizzjoni li jekk ma titwettaqx fl-intier taghha, l-konvenuti ma jkunu ntitolati ghal xejn. L-appellanti jispjegaw li kuntrarjament ghal dak eccepit mill-konvenuti, permezz tal-azzjoni odjerna, huma mhumiex qeghdin jikkontestaw il-validità tat-testment, anzi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq il-validità tat-testment. Izda jishqu li l-konvenuti kellhom iwettqu certi obbligi u fin-nuqqas li jwettqu tali obbligi, huma ma jistghux jirtu t-testatur u fic-cirkostanzi fejn

il-werrieta ma jistghux jirtu t-testatur ghandha tapplika l-ligi sabiex jirtu dawk il-persuni li jkunu ntitolati li kieku ma sarx tali testament. Kwindi jinsistu li l-azzjoni attrici hija wahda valida u mhix irrita u nulla kif eccepit mill-konvenuti u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

It-tieni punt jitratta l-interess guridiku tal-atturi appellanti u li huma kollha familjari tat-testatur Carmelo Farrugia, cioè huma jigu hut jew ulied hut Carmelo Farrugia li lahqu mietu. Ghalhekk jekk il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti m'ghandhomx dritt li jirtu lit-testatur Carmelo Farrugia, l-atturi jkollhom dritt li jirtu lil Carmelo Farrugia, jew *per capita* jew *per stirpes*, skont il-grad ta' parentela li huma ghandhom mal-mejjet Carmelo Farrugia.

Izda l-pern tal-aggravju tal-atturi appellanti huwa li mill-provi in atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti kellhom obbligu li jaghtu servigi u prestazzjonijiet sal-mewt ta' Carmelo Farrugia, dan mhux talli m'ghamluhx talli abbandunawh ghal kollox, tant li miet b'*"severe malnutrition and cachexia",* fatt li johrog mic-certifikat tal-mewt rilaxxat mill-isptar. L-appellanti jsostnu li sabiex Farrugia wasal f'dan l-istat, il-konvenuti kienu ilhom li ttraskurawh ghal zmien twil u dan minhabba l-fatt li kieku huma ma kienux ittraskurawh, kienu jaghmlu minn kollox biex jitimghuh u jaghtuh jixrob u jekk ma jirnexxielhomx, kellhom l-obbligu li jaraw li jiehduh l-isptar ghat-trattament necessarju. L-

appellanti jixlu lill-konvenuti li kkapparraw lil Carmelo Farrugia taht idejhom u izolawh b'tali mod li huma ma kienux jafu x'kien qieghed jigri u waslu f'punt li lanqas setghu jidhlu fid-dar ta' huhom. Jaghmlu referenza estensiva ghal siltiet mill-affidavit ta' Sylvester Farrugia sabiex isostnu wkoll li apparti li izolaw lil Carmelo Farrugia, hallewh fil-bzonn u ghal kollox abbandunat. Tant il-konvenuti kienu abbandunaw lil Carmelo Farrugia, li meta dan kien hassu hazin xi sitt xhur qabel ma miet, l-attur Sylvester Farrugia kien gie nfurmat minn nies ohra li huh kien hassu hazin u x'hin mar sab il-bieb miftuh u lil huh sabu mitluq wahdu mal-art u bhala ikel ma kellu xejn ghajr zewg pastizzi.

Apparti li jsostnu li l-konvenuti ma kienux jaghtu lil huhom ikel bnin, l-appellanti jghidu wkoll li lanqas kienu jzommuh nadif, izda kienu jzommuh mahmug hafna u lanqas kienu jduru bih kif suppost kellhom iduru bih; wara kollox t-tobba kienu cari li Carmelo Farrugia kellu bzonn xi hadd idur mieghu erbgha u ghoxrin siegha kuljum. Jaghmlu referenza ghax-xhieda tal-attur Sylvester Farrugia u ta' martu Giulia sabiex isostnu li l-konvenuti ma kenux qeghdin jiehdu hsieb lil Carmelo Farrugia li kien wasal fi stat li trid titimghu u taghtih jixrob, izda hallewh bil-guh u mahmug u li gewwa d-dar kien hemm riha tinten ta' hmieg. Jinghad mill-appellanti li l-konvenuti abbandunaw lil Carmelo Farrugia u haduh l-isptar meta kien wasal fi stat gravi hafna, tant li kien mixrub u mitluf minn sensih. Jaghmlu referenza ghax-xhieda tal-Profs Carmel Mallia, li kien

il-professur li kien ha hsieb lil Carmelo Farrugia meta ddahhal l-isptar tlett ijiem qabel ma miet li ddeskriva l-kundizzjoni tieghu hekk:

> "*Kellu diversi problemi, dana kien dahal b'temperatura baxxa hafna, dik li nghidulha hypothermia…*
>
> "*Barra minn hekk ukoll kien dehydrated, kien imnixxef hafna, u affarijiet ohra li dehru waqt l-ezami kien li kellu pressjoni baxxa, kien jidher pallidu, kellu certi sinjali fil-pulmuni, dawk li nghidulhom prepitations, li jfissru li seta' kien hemm xi fluid jew inkella xi infezzjoni fil-pulmun.*
> *…*
>
> "*Kien anemiku ukoll."*

L-appellanti jikkontendu li l-fatt li Carmelo Farrugia kellu dawn il-kundizzjonijiet kollha u fin-nuqqas tal-ezistenza ta' marda terminali, l-fatt li gie rikoverat l-isptar u gie determinat li miet b'*severe malnutrition* juri bic-car li l-konvenuti ma hadux hsiebu w abbandunawh b'tali mod li wassluh ghal kundizzjoni rriversibbli. Carmelo Farrugia miet ukoll minhabba *nutritional cachexia*, li l-professur spjega li din tkun ilha gejja fuqu ghal numru ta' gimghat u mhux xi haga li tizviluppa f'daqqa. L-istat ta' nutrizzjoni tal-pazjent kien tant hazin li mpressjona lit-tobba tal-isptar. Saret referenza wkoll ghax-xhieda tat-tabib Godfrey Farrugia li kien it-tabib tal-fiducja ta' Carmelo Farrugia, u jinghad li ghalkemm dan it-tabib kien irrefera lil Carmelo Farrugia l-isptar, dan baqa' ma ttehidx mill-konvenuti, ghalkemm kienu jafu li ma setax imur wahdu peress li kien jiddependi fuqhom ghal kollox. Inoltrè dan it-tabib ikkonferma li post Carmelo Farrugia ma kienx id-dar izda kien postu go dar tal-anzjani jew gewwa sptar.

Jilmentaw li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-allegazzjonijiet taghhom indirizzati fil-konfront tal-konvenuti ma rrizultawx ippruvati u bbazat il-konkluzjoni taghha fuq li xehed it-tabib Farrugia u kkummentat li la saret inkjesta magisterjali u lanqas giet ordnata awtopsja. L-appellanti jsostnu li t-tabib kuranti tad-*decuius* ma kienx it-tabib Farrugia izda t-tabib Sciortino mentri t-tabib Farrugia dahal fix-xena meta suppost li kienu qeghdin jiehdu hsiebu l-konvenuti. Jinghad ukoll li minkejja li t-tabib Farrugia ghamel *referral ticket* sabiex il-pazjent jittiehed l-isptar xi erba' darbiet u minkejja li l-kundizzjoni ta' Carmelo Farrugia baqghet tehzien, xorta ma ttiehdu l-ebda passi sabiex il-pazjent effettivament jigi rikoverat l-isptar. L-atturi appellanti jsostnu li kellu jinghata debita importanza lix-xhieda tal-Professur Carmel Mallia, li kien xhud indipendenti u li kien allarmat ghall-istat hazin li fih kien rikoverat il-pazjent, li spjega li l-istat ta' *cachexia* u *severe malnutrition* ma kinux xi haga li graw f'daqqa izda li akkumulaw maz-zmien. Dan isostnu li fih innifsu huwa evidenza li l-pazjent ma kienx qieghed jigi kkurat.

Inoltre` ghalkemm il-konvenuti jsostnu li kien l-istess *decuius* li ma riedx assolutament imur l-isptar, l-appellanti jikkontendu li ladarba accettaw ir-responsabbilita` li jibqghu jiehdu hsiebu sal-mewt, meta kienu prezenti waqt it-testment tieghu, u ghalkemm ma kellhomx xi kapacita` fil-qasam mediku, dahlu ghal piz li huma ma kenux kapaci u kompetenti ghalih.

Jinghad ukoll li anke jekk kienu *in buona fede,* bhala fatt d-decuius ma kienx fi stat li jithalla wahdu peress li kien evidenti li kellu jittiehed gewwa dar tal-anzjani jew gewwa l-isptar, ladarba dan ma sarx kellhom jaghtuh il-kura mehtiega daqs li kieku kien qieghed rikoverat l-isptar u li jinghata d-drip jew il-medicini mehtiega u mhux li jhalluh malandat u malnutrit li jwassluh fl-istat li nstab ruhu fih. Kwindi jishqu li l-ewwel Qorti ma messhiex warrbet din ix-xhieda tal-Professur Mallia. Fi kwalunkwe` kaz jinghad mill-appellanti li l-awtopsja ma kenitx mehtiega peress li t-tobba kienu jafu l-kawza tal-mewt u li l-fatt li ma saritx awtopsja jew inkjesta ma jfissirx li kellu jinhareg certifikat lill-konvenuti, ghaliex jibqa' l-fatt li Carmelo Farrugia miet b'*severe malnutrition* u *cachexia*, kundizzjonijiet li ma gewx fuqu habta u sabta izda fuq medda ta' zmien. Lanqas ma jirrizulta li l-konvenuti gabu nfermiera sabiex tinvistah regolarment jew almenu biex jaccertaw li l-kura medika li setghet tinghata fl-isptar minflok tinghata lil Carmelo Farrugia mid-dar.

Il-konvenuti appellati filwaqt li jissottomettu li din il-Qorti bhala wahda ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghajr meta din tkun zbaljata, jishqu li l-appellanti bhala atturi kien jispetta lilhom li jippruvaw dak allegat minnhom. Il-konvenuti appellati jinsistu li l-ewwel Qorti fehmet sew ic-cirkustanzi tal-kaz u strahet fuq ix-xhieda okulari li ma kellhomx interess fil-proceduri in ezami, kien ghalhekk li cahdet it-talbiet attrici.

Dwar l-ewwel punt imqanqal mill-atturi appellanti, l-konvenuti appellati jsostnu li ghalkemm l-atturi jikkoncedu li din il-kawza ma saritx sabiex timpunja t-testment, izda sabiex jigi dikjarat li huma m'obdewx kundizzjoni imposta fuqhom fl-istess testment, saru mill-appellanti bosta osservazzjonijiet fir-rikors tal-appell dwar il-volonta` o meno tat-testatur li huma barra minn lokhom. Imbaghad jinghad li ghalkemm l-appellanti jidhlu fil-kwistjoni tal-eccezzjoni tan-nullita` tal-atti, jirrilevaw li l-ewwel Qorti m'esprimietx ruhha direttament fuq dan il-punt, kwindi l-appellati jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-Qorti dwar dan il-punt.

Fil-kaz tat-tieni punt rigward l-interess guridiku tal-atturi, l-appellati jirrilevaw li ghalkemm l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha dwar din l-eccezzjoni, fis-sens li rriteniet li l-atturi ghandhom interess guridiku li jressqu din l-azzjoni, l-appellanti xorta jressqu din il-kwistjoni tal-interess guridiku fl-aggravju taghhom, dan meta l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti relattiva sollevata minnhom. Kwindi hawn ukoll il-konvenuti appellati jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fir-rigward.

Fir-rigward tat-tielet punt sollevat mill-appellanti dwar l-obbligu li l-konvenuti jaghtu s-servigi u l-prestazzjonijiet sal-mewt ta' Carmelo Farrugia, fejn jinghad li mhux talli l-appellati ma rrendewlux tali servigi

sa mewtu, talli abbandunawh ghal kollox, l-appellati jishqu li dan jinsab kontradett mill-provi u jaghmlu referenza apparti ghax-xhieda taghhom, ghal dik tan-Nutar Sammut. Inoltrè jishqu li kull konsiderazzjoni ta' servigi trid issir fil-perspettiva ta' dak li kien qieghed jippretendi li jircievi t-testatur. Dan meta kull professjonist li xehed fil-kawza li kien iltaqa' mat-testatur kellu impress f'mohhu r-rieda tat-testatur li jibqa' d-dar sakemm imut. Jissottolinjaw il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti kif rizultanti mix-xhieda tat-tabib Godfrey Farrugia. Jikkritikaw l-appellanti li kienu selettivi f'dak li rreferew ghalih fir-rikors tal-appell, partikolarment ma nghad xejn dwar il-karattru diffikoltuz tad-decuius kemm biex jikkonvincuh li jmur l-isptar, kif ukoll in-nuqqas ta' rieda tieghu li jigi mitmugh, kif rizultanti mill-istess xhieda tal-Professur Mallia. Il-konvenuti appellati jikkonkludu li kien proprju ghalhekk li dan il-Professur ma hassx il-htiega li jirrikmanda li ssir awtopsja jew talab li ssir inkjesta, kwindi l-analizi li ghamlet l-ewwel Qorti kienet wahda gusta u korretta.

Trattati l-argumenti mressqa mill-kontendenti fil-kawza, fir-rigward tat-testment ta' Carmelo Farrugia jitqies opportun li jigi citat it-tieni artikolu li fih jinghad:

> *"It-testatur jiddikjara li ilhom xhur shah iduru bih Mary Grace Camilleri (bil-karta ta' l-identità numru 573M) u Mario Casha (bil-karta ta' l-identità numru 507782 M) u jixtieq jikkumpensahom ghas-servigi u prestazzjonijiet minnhom rezi lilu kif ukoll ghal dawk li se jirrendulu sal-mument tal-mewt*

> *tieghu u ghal din ir-raguni u in pagament ta' l-imsemmijin servigi u prestazzjonijiet qieghed jahtar werrieta universali sidien assoluti ta' gidu kollu ghal wara mewtu f'ishma daqsinsew bejniethom lill-istess Mary Grace Camilleri u Mario Casha*."

Jigi pprecizat mal-ewwel li x-xewqa tat-testatur kif espressa fl-artikolu tat-testment appena citat, kif gustament osservat mill-ewwel Qorti huwa indikattiv ta' *modus* u mhux ta' *conditio.* Il-Qrati taghna dejjem ikkunsidraw obbligu simili ta' servigi bhala wiehed ta' modalita`. Fil-kawza **Francesca Saveria Muscat v. Bice Borg nomine et,** deciza fit-28 ta' Mejju, 1958, (Kollez. Vol. XLII.ii.1055) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet:

> *"Il-modus mhux hag'ohra hlief obbligazzjoni accessorja ghal kuntratt ta' indoli gratuwita, li tigi mposta lill-persuna gratifikata; minghajr dan il-modus, il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalita'; il-modus inaqqas il-beneficcju tal-persuna gratifikata, u jirrendi l-kuntratt imperfettament onerus; ghalhekk il-modus hu koncepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti, li ghalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu pero' tahlita ta' liberalita', u fil-limiti ta' din il-liberalita' l-att hu kapaci li jkun sottopost ghal piz, ghal onus, jigifieri ghal modus."*
>
> *"Il-'modus' jiddiferixxi mill-'conditio' (1) ghaliex 'la condizione' qatt ma ghandha effikacja koercittiva, imma merament effett sospensiv jew rizoluttiv, waqt li l-'modo' jipproduci effett koercittiv, u mhux sospensiv; il-persuna gratifikata takkwista mill-ewwel il-proprjeta` mhollija lilha u dan minghajr ma toqghod tistenna l-adempiment tal-'modus', imma hija tkun tista' tigi mgieghla tesegwixxi l-'modus', jekk hija tkun accettat il-liberalita`; (2) ghaliex,jekk 'la condizione' hi imposibbli jew illecita, vitaitur et vitiat, u waqt li, jekk il-modo hu imposibbli jew illecitu, ikun null fih stess, imma ma jassoggettax ghal nullita` l-liberalita`li ghaliha jaccedi, jigifieri 'vitiatur tantum'*."
>
> "Inghad ukoll illi: '… *jinghad li fid-dispozizzjonijiet modali … hi ammessa largamente kwalunkwe raguni ta' skuza; fis-sens li, jekk il-gratifikat ma jadempix il-'modus' ghal xi raguni tajba li ma tiddimostrax dolo jew kolpa, l-istess gratifikat ma jiddekadix mil-liberalita`* (vol. XXXIII. II. 97; XX. II. 496)."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li d-dispozizzjoni testamentarja kienet intiza biex thallas lill-konvenuti ghas-servigi u prestazzjonijiet li kienu taw u li kienu ghad iridu jaghtu lit-testatur, sal-mument tal-mewt tieghu. B'dik id-dispozizzjoni t-testatur ma kienx qieghed jimponi kundizzjoni fuq il-konvenuti, izda dik id-dispozizzjoni timponi piz fuq l-istess konvenuti li gew obbligati li jibqghu jservu lit-testatur. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Lulju, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Xuereb et v. Eugenia Buttigieg et** u l-insenjament hemm moghti fir-rigward).

Precizat dan il-punt, ghandu jinghad li kif puntwalizzat mill-istess atturi appellanti fir-rikors tal-appell taghhom, permezz tal-azzjoni odjerna, huma mhumiex jattakkaw il-validita` tat-testment, in kwantu kif spjegat minnhom l-istess azzjoni taghhom hija msejsa fuq dispozizzjoni tat-testment, tant li qeghdin jikkontendu li gialadarba l-konvenuti naqsu milli jwettqu l-obbligu impost fuqhom permezz tal-istess testment, huma ddekadew mid-drittijiet taghhom. Dan il-punt ser jigi trattat aktar 'il quddiem. Jinghad biss li ladarba mhux qeghda tigi allegata xi rregolarita` fil-forma jew fis-sustanza tat-testment, certu kummenti maghmula mill-atturi appellanti huma superfluwi. Madankollu din il-Qorti ma tara li hemm xejn irritu u null fl-azzjoni attrici kif proposta u ghalkemm l-ewwel Qorti ma cahditx espressament din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti; il-fatt li dahlet fil-mertu tat-talbiet

attrici jfisser li ndirettament hija kienet qeghda tichad din l-ewwel eccezzjoni wkoll.

It-tieni punt mqajjem mill-atturi appellanti huwa dwar l-interess guridiku tal-atturi appellanti. Fil-verita` mhux daqstant car il-ghala l-atturi appellanti jaghmlu dan il-punt, gialadarba dan kien is-suggett tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellati li gie michud mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u ma sar ebda appell. Kwindi din il-Qorti ma tqisx opportun li tistharreg dan il-punt ulterjorment, in kwantu m'hemmx dubju li l-atturi appellanti, bhala qraba tad-defunt Carmelo Farrugia, certament ghandhom interess f'dawn il-proceduri, peress li jekk kemm-il darba l-azzjoni attrici tirnexxi, l-istess atturi jkunu l-werrieta bil-ligi tad-*decuius*.

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-pern tal-kawza kollha jiccentra madwar it-tielet punt maghmul mill-atturi appellanti, u cioe` jekk il-konvenuti appellati qdewx l-obbligu li jibqghu jaghtu s-servigi u prestazzjonijiet taghhom sal-mewt ta' Carmelo Farrugia. L-atturi appellanti jibbazaw il-kaz taghhom fuq ic-certifikat tal-mewt mahrug mill-isptar fis-sens li Carmelo Farrugia miet kawza ta' "*severe malnutrition and cachexia",* kif ukoll jisiltu frazijiet mix-xhieda tal-Professur Mallia sabiex isostnu li l-konvenuti naqsu mill-obbligu taghhom.

Izda l-atturi appellanti donnhom jinsew li ladarba huma qeghdin jallegaw dan in-nuqqas, kien jispetta lilhom li jippruvaw li l-konvenuti naqsu lit-testatur mill-obbligu impost fuqhom. Dan jinghad ukoll b'rispett ghall-principju assodat fil-gurisprudenza taghna, cioè *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Hekk per ezempju fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Gunju, 1953, (Kollez. Vol. XXXVII.i.577) fl-ismijiet **Joseph Zammit v. Joseph Hili**, insibu: "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*". Kien jispetta lill-atturi appellanti jipprovaw dak li kienu qeghdin jallegaw fil-konfront tal-konvenuti u hadd aktar. Dwar konflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2004, inghad:

> "… … … *jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1] *Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero`, il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.*[2] *Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili."*

[1] App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002
[2] App. Civ. Paul Vassallo et vs Carmelo Pace (1986) Vol. LXX.II.144

Trattat dan il-principju, jitqies rilevanti li jigi puntwalizzat li l-istess Carmelo Farrugia, fi kliem huh l-attur Silvestru Farrugia, kien sar dipendenti fuqhom u beda jitlef l-aptit sa minn sitt snin qabel ma miet, izda ghalkemm bdew jiehdu hsiebu huma stess fis-sens li jihdulu l-ikel, dan Carmelo Farrugia ma riedx la joqghod maghhom u lanqas ma kellu ebda xewqa li jigi rikoverat f'dar tal-anzjani, tant li din kienet proprju r-raguni l-ghala z-zewgt ahwa tlewwmu bejniethom, peress li filwaqt li l-attur Silvestru kien jinsisti li Carmelo kellu jigi rikoverat f'dar tal-anzjani, l-istess Carmelo kien stqarr maghhom, li huwa xtaq isib lil xi hadd li joqghod mieghu erbgha u ghoxrin siegha kuljum u li jibqa' fid-dar tieghu. Fil-fatt hekk gara, meta kien hemm cirkostanzi fejn Carmelo Farrugia zelaq fid-dar tieghu stess u semghuh jghajjat, il-konvenuti li marru jassistuh u minn dik l-okkazjoni 'l hemm huma baqghu jduru bih skont ix-xewqat tieghu.

Wara numru ta' xhur fejn il-konvenuti kienu qeghdin jiehdu hsieb lil Carmelo Farrugia dan xtaq jipprovdi ghal kumpens ta' servigi u prestazzjonijiet moghtija lilu permezz tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Anthony Sammut tal-11 ta' Mejju, 2006. Fi kliem l-istess nutar, it-testatur li ghalkemm fragli u fis-sodda kien f'sensieh b'tali mod li spjega lin-nutar li l-konvenuti Camilleri u Casha kienu qeghdin iduru bih u huwa xtaq ipattilhom ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu mieghu, pero` ried ukoll

li jibqghu jiehdu hsiebu sal-ahhar nifs u dan peress li anke man-nutar insista li huwa ma riedx johrog mid-dar tieghu anzi:

> "…**insista hafna li kwalunkwe haga li tinqala' hu ried jibqa' fid-dar… hu insista li jibqa' fid-dar sal-mument ta' mewtu**."

Mhux kontestat li t-testatur kien fizikament totalment dipendenti fuq haddiehor, izda fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kenitx kwistjoni li t-testatur kellu xi pressjoni ezercitata fuqu. Semplicement, fi kliem in-nutar, huwa kien rikonoxxenti lejn il-konvenuti ta' dak li kienu qeghdin jaghmlu mieghu, u ried iserrah mohhu ghall-gejjieni tieghu. In-nutar kien spjega lit-testatur li f'kaz li ma jibqghux jiehdu hsiebu kellu l-ghazla li jerga' jsejjahlu ghall-provvedimenti opportuni, haga li ma jirrizultax li qatt saret.

L-appellanti jilmentaw li l-konvenuti ttraskuraw lil Carmelo Farrugia tant li ma kienux jitimghuh u jaghtuh jixrob kif suppost u lanqas haduh l-isptar ghat-trattament mehtieg. Izda din l-allegazzjoni tinsab kontradetta mill-provi. Mix-xhieda ta' Dr. Godfrey Farrugia li kien it-tabib kuranti fl-ahhar snin ta' hajjet Carmelo Farrugia, jirrizulta li l-konvenuti kienu jiehdu hsiebu sew, tant li kienu joffru l-assistenza fizika u jcaqalquh minkejja li ma setax jimxi wahdu, sabiex jigi evitat li l-pazjent ikollu *pressure sores*. Kienu jipprovdulu l-ikel u jixtrulu l-medicini li kien jippreskrivilu t-tabib, kif ukoll jiehdu hsieb l-indafa mehtiega peress li l-pazjent lanqas infermiera ma kien irid. It-tabib Farrugia jispjega li

Carmelo Farrugia ma kienx ikun irid tabib, tant li kien isejjahlu biss meta kien ikun dahru mal-hajt.

Ghalkemm huwa minnu li lejn l-ahhar it-tabib kien ipprepara ittra li biha jirreferi l-pazjent l-isptar, jiddeskrivi lil Carmelo Farrugia bhala pazjent li kellu rasu iebsa u li kienu jsejhulu l-konvenuti sabiex jinvista lill-pazjent. Il-pazjent kien ikun dejjem akkumpanjat mill-konvenuti, li kienu jwettqu x-xewqat tieghu meta kien jirrifjuta li jmur l-isptar. L-istess tabib jispjega li bit-tip ta' mard kroniku li kellu l-pazjent kien naqqas fl-aptit, u li biex jiekol u jixrob kellu bzonn l-assistenza li kienu jipprovdulu l-konvenuti. Ghalkemm fil-fehma tat-tabib post il-pazjent in kwistjoni kien l-isptar jew f'dar tal-anzjani, peress li l-marda li kellu l-pazjent kienet wahda progressiva, dan baqa' d-dar ghax ma riedx imur l-isptar jew f'dar tal-anzjani, kwindi kien jipprova jaghtih trattament sabiex inaqqas mis-sintomi li kellu. It-tabib Farrugia jghid ukoll li ghalkemm mil-lat fiziku s-sahha tal-pazjent kienet hazina, mhux l-istess jinghad dwar is-sahha mentali tieghu, peress li kien jirraguna sew. In sintezi mix-xhieda tat-tabib Farrugia qajla jista' jinghad li l-konvenuti hallew lil Carmelo Farrugia fi stat t'abbandun jew traskurat.

Dawn ir-rizultanzi l-ewwel Qorti ma setghetx tiskartahom u ghalkemm l-appellanti jikkontendu li t-tabib Farrugia beda jiehu hsieb lil Carmelo Farrugia meta dahlu fix-xena l-konvenuti u li proprjament l-pazjent kellu

bhala tabib kuranti t-tabib Sciortino, dan it-tabib ma tressaqx sabiex jixhed fil-proceduri odjerni.  L-atturi donnhom jinsew li huma stess kellhom l-istess problema li jixlu lill-konvenuti biha, meta huma kienu jiehdu hsieb lil Carmelo Farrugia, u proprju l-fatt li kienu tal-fehma li kellu jidhol f'dar tal-anzjani, kienet is-sors tal-inkwiet bejniethom.  Inoltre` jekk kemm-il darba l-istess ahwa kienu daqshekk imhassba dwar is-sahha u l-kura ta' huhom Carmelo, wiehed bilfors jistaqsi kif dawn l-ahwa ma ghamlu xejn u ma hadu ebda passi meta dan kien ghadu haj.   Huwa veru li l-konvenuti tghabbew bil-piz li jiehdu hsieb lil Carmelo Farrugia sal-ahhar ta' hajtu, izda din il-Qorti ssibha difficli temmen li l-atturi setghu warrbu kwalunkwe` thassib li seta' kellhom dwar l-istat ta' sahha ta' huhom, sakemm mhux ghax kellhom mohhhom mistrieh li l-konvenuti kienu tassew qeghdin iduru bih kif suppost.  Hekk ukoll jigi rilevat li l-konvenuti apparti li ressqu x-xhieda taghhom, ressqu numru ta' xhieda ohra bhal Ramona Despott, Pauline Despott u Anna Cachia, li lkoll xehdu li l-konvenuti kienu jiehdu hsieb lil Carmelo Farrugia. Wara kollox lanqas sar xi kontro-ezami lill-konvenuti sabiex jigu konfrontati bl-allegati nuqqasijiet taghhom.

Tabilhaqq l-appellati ghandhom ragun ukoll meta jghidu li l-appellanti kienu selettivi fis-siltiet li ghazlu mix-xhieda tal-Professur Mallia, peress li ghalkemm huwa minnu li Carmelo Farrugia gie rikoverat l-isptar fi stat relattivament hazin, l-istess Professur jghid ukoll:

> *"Issa, dana ovvjament m'inix qieghed nidhol, ghax ma nafx ghaliex kien qieghed f'dan l-istat, ghaliex jiena li nista' nghid huwa li kien f'sitwazzjoni, f'kundizzjoni fejn ma kienx daqstant koperattiv, jista' jkun li dana kien qieghed jirrifjuta l-ikel u x-xorb.*
>
> "*…dina kienet nota fin-nursing report, illi l-pazjent kien unco-operative u l-pazjent kien qed juza abusive language, kif hemm fin-notamenti. Jiena fil-kuntest ta' l-istat tal-pazjent, nassumi illi dana kien pazjent li ma kienx ko-operattiv u certu affarijiet illi ma jkollux aptit jaghmilhom…*
>
> "*…Seta' jaggravaha fis-sens, illi mhux l-isptar, ghaliex l-isptar per ezempju, meta sibna li ma kienx qieghed, jiena kont issuggerejt li nippruvaw nibdew nisquh bilmod, kwantitajiet zghar u at frequent intervals, u meta ma kienx accetta dik ghaddejnielu…*
>
> "*…Però setghet illi aggravat is-sitwazzjoni fis-sens illi dana kien hekk qabel, u nfatti ghamilt accenn ghal din il-possibilità, illi seta' rrifjuta l-affarijiet minn qabel ma dahal."*

Kwindi meta din il-Qorti tqis l-assjem tal-provi tqis li l-konvenuti pprestaw is-servigi mitluba lilhom bl-ahjar mod li setghu, u jekk id-*decuius* kien jirrifjuta li jigi rikoverat l-isptar, jew ma kienx jikkopera mal-parir moghti lilu mit-tobba, ma tarax li l-konvenuti b'daqshekk naqsu li jkunu adempjenti mal-obbligu impost fuqhom. Kwindi lanqas jista' jinghad li gie ppruvat xi *dolus* jew *culpa* da parti tal-konvenuti, peress li kienu jippruvaw jipprestaw is-servigi taghhom strettament skont ix-xewqa tat-testatur, kwindi qajla wiehed jista' jitkellem dwar dekadenza ta' dritt, peress li kienu qeghdin iwettqu l-prestazzjoni skont il-modalità imposta fuqhom mit-testatur. Fuq kollox, persuna li kienet mentalment sana, bhal ma kien it-testatur, ghandha kull dritt taghzel li ma tidholx gewwa l-isptar u taghzel ukoll li, jigri x'jigri, tmut id-dar. Tant hu hekk li, ghalkemm it-testatur seta' jaghmel testment iehor kieku hass li dan kien

xieraq, hadd ma wera li t-testatur ma kienx kuntent bis-servigi prestati lilu fl-ahhar xhur ta' hajtu.

F'dan il-kuntest hija relevanti l-mistoqsija diretta li saret lill-Professur da parti tal-ewwel Qorti, fis-sens jekk setax kien il-kaz li kien hemm negligenza da parti tal-*carers* li wasslu ghal dan, huwa wiegeb:

> *"Dak il-hin nammetti li ma dahalx f'rasi jew f'ras il-grupp tieghi illi seta' kien hemm negligenza, fis-sens illi kien bniedem illi fis-sitwazzjoni li kien qieghed fiha kien qieghed jirrifjuta kollox…"*

Mistoqsi mid-difensur tal-konvenuti dwar jekk il-mewta tal-pazjent tqisetx suspettuza, l-Professur wiegeb:

> *"Le at the time le, u fil-fatt l-ewwel staqsejtni jekk kinetx mewta naturali, iva fis-sens illi kien f'kundizzjoni illi kienet hazina hafna,* ***però x'gieb ghal dik is-sitwazzjoni, at the time, iktar nahseb jien… wahda mill-affarijiet li konna qeghdin nahsbu hija li anke mill-istat mentali tieghu seta' kien hemm in-nuqqas ta' koperazzjoni tieghu li wasslet ghal dik is-sitwazzjoni."*** (enfasi ta' din il-Qorti).

Hekk ukoll dwar l-atrofija li l-appellanti jghidu baqghet impressjonata fuqhom, il-Professur ikompli jixhed li ghalkemm kien hemm nuqqas ta' fluwidu:

> *"… però nahseb jiena l-atrophy all in all, iktar probabilment kienet naturali mill-aging process tieghu."*

Isegwi li wara li din il-Qorti ezaminat il-provi mill-gdid, hija tasal ghall-istess konkluzjonijiet bhall-ewwel Qorti u ma ssib xejn irragonevoli f'dak

deciz minnha, in kwantu tabilhaqq l-atturi appellanti ma sehhilhomx jippruvaw nuqqasijiet fit-twettiq tal-obbligi li kellhom il-konvenuti fil-konfront ta' Carmelo Farrugia, li kellhom iwasslu ghall-konsegwenzi pretizi minnhom. Kwindi ma tqisx li l-aggravju tal-atturi appellanti jimmerita l-akkoljiment tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, tichad l-appell interpost mill-atturi Sylvester sive Vestru Farrugia proprio et nomine et u tikkonferma s-sentenza appellata tal-5 ta' Gunju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-shih.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi kollha solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr